13 ta' Marzu, 1953.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Dr. L. A. Camilleri, LL.D., *President*;
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Carmelo Caruana et. *versus* Orsla Vella

**Azzjoni Rivendikatorja — Preskrizzjoni Akkwiżitiva — Pussess — Titolu — Bwona Fede — Rinunzja — Art. 2214 tal-Kap. 23.**

*Min jeżerċita l-azzjoni rivendikatorja għandu jipprova, minbarra l-pussess fil-persuna konvenuta, id-dominju fir-rivendikant.*

*Lil min jallega l-użukapjoni triġenarja bħala bażi tad-dominju minnu vantat ma jistax jiġi oppost in-nuqqas ta' titolu jew tal-bwona fede. U l-bwona fede mhix eskluża bil-fatt illi l-preskrivent kien jaf li l-ħaġa kienet ta' ħadd ieħor; għax hu biżżejjed li l-preskrivent ikollu l-intenzjoni li jsir proprjetarju tal-ħaġa.*

*Imma l-pussess ta' tletin sena jrid ikun leġittimu, jiġifieri kontinwu, mhux interrott, paċifiku, publiku, u mhux ekwivoku.*

*Ir-rinunzja għall-użukapjoni bħala "causa acquisitionis" tista' tkun taċita, ċjoè deduċibili minn fatt li jimplika l-abbandun tal-jedd akkwistat; u dikjarazzjoni tal-preskrivent fis-sens li l-ħaġa mhix tiegħu timplika rinunzja taċita għad-dritt akkwistat minnu bl-użukapjoni. U ma hemmx bżonn, biex din ir-rinunzja tkun tiswa, illi l-istess tkun ġiet aċċettata mill-proprjetarju l-antik tal-ħaġa.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-atturi, wara li ppremettew illi l-konvenuta, meta rrikostruwiet il-fond tagħha li qiegħed Bubaqra, iż-Żurrieq, Triq San Rokku, nru. 4, dawret b'ħajt il-kamra li tinsab taħt l-imsemmi fond, li kienet markata nru. 1 fl-istess triq, u b'hekk il-konvenuta għalqet il-passaġġ ta' l-imsemmija kamra; u illi hu-

ma, in *forza* ta' preskrizzjoni fil-godiment "*animo domini*", akkwistaw il-proprjetà ta' l-imsemmija kamra; talbu illi premessa kull neċessarja dikjarazzjoni u mogħti kull provvediment li jeħtieġ, jiġi dikjarat u deċiż illi l-imsemmija kamra, li qiegħda Bubaqra, iż-Żurrieq, Triq San Rokku, il-lum mingħajr numru u qabel kienet markata bin-numru 1, tappartjeni in proprjetà lilhom, u illi l-konvenuta tiġi kundannata tirrimwovi l-ħajt minn ma' l-imsemmija kamra u tirrendi liberu l-passaġġ għaliha; u *subordinatament*, fil-każ illi hija ma tirrimwovix il-ħajt fit-terminu li jiġi prefiss lilha, huma jiġu awtorizzati jirrimwovuh huma stess bi spejjeż tal-konvenuta. Bl-ispejjeż, komprizi dawk ta' l-ittra uffiċjali spedita kontra l-istess konvenuta;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti ta' l-4 ta' Novembru 1952, li biha t-talbiet ta' l-atturi ġew respinti, bl-ispejjeż; billi dik il-Qorti kkunsidrat;

Illi l-atturi qegħdin jeżerċitaw l-azzjoni rivendikatorja bażata fuq il-pussess għal aktar minn tletin sena, sew tagħhom, sew ta' Grazio Camilleri missier l-attriċi, sew ta' Felice Camilleri ħu l-istess Grazio Camilleri, fuq il-kamra msemmija fl-att taċ-ċitazzjoni. Infatti, huma jippretendu illi ilhom jippossjedu dik il-kamra seba' u tletin sena qabel is-26 ta' Ottubru 1951, jiġifieri, mis-sena 1914, u Grazio Camilleri kien ilu jippossediha qabilhom xi ħmistax jew għoxrin sena oħra. Fil-fatt jirriżulta illi Grazio Camilleri, apparti t-titolu li bih kien jippossediha, u apparti l-fatt li huwa kellu tfal oħra minbarra l-attriċi, ta, mingħajr ebda att traslativ ta' proprjetà, dik il-kamra lill-atturi xi sentejn qabel ma miet, in vista ta' xi serviġi li Giuseppe Caruana, bin l-atturi, kien ipprestalu;

Issa Grazio Camilleri miet fis-26 ta' Frar 1920, u hekk il-pussess ta' l-atturi weħidhom għandu, fil-każ, jiġi ritenut illi kien, sal-preżentata taċ-ċitazzjoni, dak ta' 33 sena, jew mis-sena 1918 sas-sena 1951. Imma l-atturi qegħdin jinvokaw il-konġunzjoni tal-pussess tal-kamra minn Grazio Camilleri għal xi ħmistax il-sena qabel is-sena 1918, jiġifieri mis-sena 1903, u anki minn Felice Camilleri, iz-ziju ta' l-attriċi, li miet fit-18 ta' Novembru 1904, għad illi l-atturi ma jippruvawx illi dan Felice Camilleri qatt kien jippossjedi dik il-kamra, waħdu jew

ma' ħaddieħor. Għalhekk, il-veru pussess pretiż mill-atturi għandu jittieħed bħala dak totali ta' xi 48 sena, jew 33 sena minnhom, konġuntament ma' 15 il-sena minn Grazio Camilleri;

Illi l-atturi jibbażaw il-pretensjoni tagħhom fuq il-preskrizzjoni akkwiżitiva triġenarja, jew il-pussess minnhom ta' dik il-kamra, "animo domini", għaż-żmien ta' għall-anqas 48 sena. Din l-ispeċi ta' preskrizzjoni triġenarja, kif huwa ormaj magħruf, ma tirrikjedix la titolu u lanqas "buona fede"; u għalhekk bis-sempliċi pussess leġittimu ta' 30 sena l-possessur tal-ħaġa jakkwista l-proprjetà ta' l-istess ħaġa posseduta minnu, u hekk jakkwista l-azzjoni biex jirrivendika dik il-ħaġa kontra kwalunkwe persuna, anki kontra l-istess proprjetarju preċedenti. U preċiżament din hija l-azzjoni li qegħdin jeżerċitaw l-atturi;

Illi però, kif intqal, għall-effikaċja tagħha bħala akkwiżitiva, din il-preskrizzjoni tippresupponi l-pussess leġittimu li trid il-liġi għaż-żmien kollu tat-trentennju. Hu magħruf illi l-elementi tal-pussess ċivili huma tnejn, dak materjali, il-poter ta' fatt fuq il-ħaġa, u l-ieħor intenzjonali, l-animu tal-possessur li jgawdi d-dritt fuq il-ħaġa bħallikieku hu kien il-proprjetarju tagħha — "animus et corpus; corpus possessionis, et animus possidendi vel animus domini". Għalhekk ma hux pussess ċivili dak li jonqos fih wieħed jew l-ieħor minn dawn iż-żewġ elementi; b'mod illi mhijiex biżżejjed id-detenzjoni tal-ħaġa jew it-tgawdija tagħha mhux bħala ħaġa proprja, imma bħala ħaġa ta' ħaddieħor, għaliex allura din tkun biss detenzjoni jew tgawdija prekarja. Barra minn dan, hemm bżonn illi l-pussess ikun leġittimu, u kwindi tali li jipproduċi l-effetti ġuridiċi tiegħu, speċjalment għall-akkwist tal-proprjetà bid-dekorriment taż-żmien. U biex il-pussess jista' jissejjaħ leġittimu, hemm bżonn illi jirriunixxi ċerti kwalitajiet jew karattri, jiġifieri illi jkun kontinwu, mhux interrott, paċifiku, pubbliku, u mhux ekwivoku;

Illi, stabbiliti dawn il-prinċipji ġenerali komunement magħrufa fil-liġi, fil-ġurisprudenza u fid-dottrina, jingħad illi jirriżulta illi fis-sena 1935 l-atturi stqarrew ma' Antonio Sciberras illi huma ma kienux is-sidien tal-kamra msemmija fl-att taċ-ċitazzjoni (fol. 21 tergo). B'dik id-dikjarazzjoni l-atturi eskludew l-element intenzjonali tal-pussess ċivili, kif ukoll il-

karattru tal-pubblicità tal-pussess leġittimu fuq imsemmijin jiġifieri huma stess immanifestaw, u ġie manifestat, illi huma ma kienux is-sidien ta' dik il-kamra. Barra minn dan, jirriżulta wkoll illi xi sitt xhur qabel is-26 ta' Ottubru 1951, jiġifieri dejjem f'dik is-sena, f'inkontri li kien hemm bejnhom u l-konvenuta, preżenti d-difensuri rispettivi tagħhom, l-attur semma illi kien jaf min kien is-sid ta' dik il-kamra, u illi kellu jmur igħidlu b'dak li kienet għamlet il-konvenuta (dep. attur fol. 18 tergo; Maria Falzon fol. 22; attriċi fol. 23 tergo). Din iċ-ċirkustanza teskludi hija wkoll l-element intenzjonali tal-pussess ċivili u l-karattru tal-pubblicità tal-pussess leġittimu, għall-istess raġunijiet imsemmijin aktar 'il fuq, billi b'dik id-dikjarazzjoni l-attur reġa' wera illi huwa ma kienx is-sid ta' dik il-kamra; anzi teskludi wkoll l-element tan-non-ekwivoċità tal-pussess leġittimu, billi l-attur wera illi kien jaf min hu s-sid ta' dik il-kamra, u għalhekk illi huwa ma kienx qiegħed jokkupa l-kamra bħala tiegħu, u kien jaf illi kien qiegħed igawdi l-istess kamra b'mod prekarju;

Illi dawk id-dikjarazzjonijiet, però, ma jippreġudikawx lill-atturi, għaliex saru minnhom, kif intqal, waħda fis-sena 1935 u l-oħra fis-sena 1951, jiġifieri wara illi huma kienu diġà akkwistaw il-proprjetà tal-kamra ġa msemmija bil-preskrizzjoni triġenarja, billi huma għamlu dawk id-dikjarazzjonijiet wara illi kienu ilhom igawdu l-kamra almenu mis-sena 1903, bla ma jingħadd iż-żmien tal-pussess ta' Grazio Camilleri. Imma l-istess dikjarazzjonijiet, għall-istess raġuni li ġew magħmula wara dak id-dekorriment ta' żmien, u wara l-akkwist konsegwenzjali tal-kamra, jippreġudikaw lill-atturi fis-sens illi b'dawk id-dikjarazzjonijiet l-atturi ġew li rrinunzjaw għall-istess preskrizzjoni ġà akkwistata minnhom. Inutili illi jingħad mill-atturi li dik ir-rinunzja ma kienetx verament espressa, u ma ġietx magħmula fil-konfront tal-veru proprjetarju ta' dik il-kamra. Hija prevalenti fid-dottrina l-opinjoni illi rinunzja simili tista' tkun anki taċita, u mhux biss espressa; u r-rinunzja taċita tista' ssir bi kwalunkwe mod, basta li tkun turi manifestazzjoni diretta tal-volontà ta' dak li jkun illi huwa ma jridx japprofitta mill-preskrizzjoni. Ir-rinunzja, mbagħad, hija essenzjalment unilaterali, u għalhekk tipproduċi l-effett tagħha mingħajr l-aċċettazzjoni tal-parti li tista' tipprofitta

b'dik ir-rinunzja, u anki fl-assenza tagħha (Digesto Italiano, Vol. XXX, para. 67, paġ. 493; Ricci, Diritto Civile, Vol. V, para. 152; Laurent, Diritto Civile, Vol. XXXII, para. 189);

Illi għalhekk l-ewwel talba ma tistax tiġi milqugħa, u kwindi lanqas ma jistgħu jiġu milqugħa t-talbiet l-oħra tagħhom billi huma konsegwenzjali għall-ewwel waħda;

Rat fol. 59 in-nota ta' l-appell ta' l-atturi, u fol. 60 il-petizzjoni tagħhom sabiex tiġi revokata s-sentenza fuq im-semmija; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

L-atturi qegħdin jeżerċitaw l-azzjoni rivendikatorja, li, minbarra l-prova tal-pussess fil-persuna konvenuta, teħtieġ il-prova tad-dominju fir-rivendikant (Kollez. Vol. X, paġ. 575). Bħala prova tad-dominju minnhom pretiż, l-atturi ma humiex qegħdin iġibu 'l quddiem xi titolu, iżda l-użukapjoni triġenarja;

Hu elementari li lil min jallega l-preskrizzjoni trentennali ma jistax jiġi oppost in-nuqqas ta' titolu jew ta' buona fede;

Hu wkoll "communis opinio" fost il-ġurekonsulti u de-ċidenti, illi l-bwona fede mhix eskluża bil-fatt li l-preskrivent kien jaf li l-ħaġa kienet ta' ħadd ieħor; għaliex fid-Dritt Ċivili, għad-differenza tad-Dritt Kanoniku, li jirrikjedi fl-użukapjenti l-"cogitatio domini", ma hux meħtieġ li l-użukapjenti jkollu l-konvinzjoni li hu s-sid ("opinio domini"), iżda hu biżżejjed li hu jkollu l-intenzjoni li jsir proprjetarju ("animus domini");

Dan il-pussess, b'liġi, għandu jkun kontinwu, mhux miksur, paċifiku, publiku, u mhux ekwivoku;

Din il-Qorti taqbel ma' l-Ewwel Qorti illi l-atturi għandhom il-pussess bir-rekwiżiti tal-liġi għaż-żmien totali ta' xi 48 sena, ċjoè xi 15-il sena (1903-1918) kwantu għall-pussess tal-predeċessur tagħhom Grazio Camilleri, missier l-attriċi, u mbagħad tagħhom, li laħaq it-terminu triġenarju fl-1933. Jirriżulta, infatti, li Grazio Camilleri kien jippossjedi din il-kamra bla ma jħallas kera lil ħadd u "animo domini", tant li ta din il-kamra lill-atturi bħala kumpens talli kien jaqdih, għal xi sitt snin, it-tifel tagħhom;

Irriżulta wkoll, però, li in segwitu għall-għeluq tat-ter-

minu ta' l-użukapjoni saru mill-atturi d-dikjarazzjonijiet imsemmijin fis-sentenza appellata. B'liġi (art. 2214) ir-rinunzja għall-użukapjoni bħala "causa acquisitionis" tista' tkun taċita, cjoè deduċibili minn fatt li jimplika l-abbandun tal-jedd akkwistat; u ma hemmx dubju li dawk iż-żewġ dikjarazzjonijiet huma tali; għaliex ma hux loġiku li jiġi ritenut li bniedem ikun qiegħed jipprevalixxi ruħu mill-preskrizzjoni akkwiżitiva ta' fond, meta dak il-bniedem igħid li l-fond hu ta' ħadd ieħor. Inutili jingħad li ma ġiex pruvat li din ir-rinunzja taċita ġiet aċċettata mis-sid antik tal-fond, għax hu paċifiku fid-dottrina li "la rinunzia all'usucapione è un atto unilaterale, che per produrre il suo effetto non abbisogna dell'accettazione dell'antico proprietario" (Pugliese, Trattato della Prescrizione Acquisitiva, p. 152, par. 74);

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi billi tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-atturi.